

## Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) I. Ruipérez Aguirre u ATC Petition għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

### **Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-21 ta' Lulju 2011 — Il-Kummissjoni vs Il-Portugall**

**(Kawża C-518/09)**

“Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Libertà ta' stabbiliment u libertà li jiġu pprovduti servizzi — Eżerċizzju tal-attivitàjet ta' tranżazzjoni fuq il-proprietà immoblli”

1. *Libertà ta' stabbiliment — Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Restrizzjonijiet — Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tagħmlx distinzjoni bejn il-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi għall-impriżi li jipprovd senserija fuq il-proprietà immoblli u l-äġenti ta' proprietà immoblli — Obbligu impost fuq impriżi li jipprovd senserija fuq il-proprietà immoblli u fuq l-äġenti tal-proprietà immoblli stabiliti fi Stat Membru ieħor li joħolqu aġenzija immobiljari fl-Istat Membru kkonċernat sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw l-attività tagħhom hemmhekk — Inammissibbiltà — Ġustifikazzjoni — Assenza (Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE) (ara l-punti 61-75, 87 u d-dispożittiv)*
2. *Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Restrizzjonijiet — Leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi, minn naħħa, fuq impriżi li jipprovd senserija fuq il-proprietà immoblli u fuq l-äġenti tal-proprietà immoblli l-obbligu li jissottoskrivu fassurazzjoni konformi mal-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru u li jiddisponu minn kapital tagħhom stess li jkollu bilanċ pożittiv u, min-naħħa l-oħra, li jissuġġettaw impriżi bħal dawn għall-kontroll dixxiplinari shiħi tal-organu nazzjonali responsabbli mis-setturi tal-kostruzzjoni — Inammissibbiltà — Ġustifikazzjoni — Assenza (Artikolu 56 TFUE) (ara l-punti 76-84, 87 u d-dispożittiv)*

3. *Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Restrizzjonijiet — Leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq l-impriżi li jipprovdu senserija fuq il-proprjetà immobbbli l-obbligu li jeżerċitaw l-attività tagħhom b'mod eskluziū bl-eċċejżjoni tal-amministrazzjoni ta' beni fissem terz, u għall-aġenti tal-proprjetà immobbbli l-obbligu li jeżerċitaw l-attività tagħhom b'mod eskluziū — Inammissibbiltà — Ġustifikazzjoni — Assenza (Artikolu 56 TFUE) (ara l-punti 64-66, 85-87 u d-dispożittiv)*

## Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu - Ksur tal-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE -Eżerċizzju tal-attivitàajiet ta' tranżazzjoni fuq proprjetà immobbbli.

## Dispożittiv

- 1) Ir-Repubblika Portugiża,
  - billi ppermettiet l-eżerċizzju ta' attivitajiet ta' senserija fuq il-proprjetà immobbbli biss fil-kuntest ta' aġenzija tal-proprjetà immobbbli;
  - billi imponiet fuq impriżi li jipprovdu senserija fuq il-proprjetà immobbbli u fuq l-aġenti tal-proprjetà immobbbli stabiliti fi Stati Membri oħra l-obbligu li jkopru r-responsabbiltà professjonal tagħhom permezz tas-sottoskrizzjoni f'assurazzjoni konformi mal-leġiżlazzjoni Portugiża;
  - billi imponiet fuq impriżi li jipprovdu senserija fuq il-proprjetà immobbbli stabiliti fi Stati Membri oħra l-obbligu li jiddisponu minn kapital tagħhom stess li jkollu bilanċ pożittiv fis-sens ta' din il-leġiżlazzjoni, u
  - billi ssuġġettat lill-impriżi li jipprovdu senserija fuq il-proprjetà immobbbli u fuq l-aġenti tal-proprjetà immobbbli stabiliti fi Stati Membri oħra għal kontroll dixxiplinari shiħi tal-Instituto de Construção e do Imobiliário IP,

naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 56 TFUE, u

- billi imponiet fuq impriżi li jipprovdū senserija fuq il-proprietà immobblī l-obbligu li jeżerċitaw b'mod esklużiv l-attività ta' senserija fuq il-proprietà immobblī, ħlief fir-rigward tal-amministrazzjoni ta' beni immobblī f'isem terzi, u
- billi imponiet fuq aġenti tal-proprietà immobblī l-obbligu li jeżerċitaw b'mod esklużiv l-attività ta' aġent tal-proprietà immobblī,

naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE.

2) Ir-Repubblika Portugiża hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-21 ta' Lulju 2011 —  
Evropaiki Dynamiki vs EMSA**

(Kawża C-252/10 P)

“Appell — Kuntratti pubbliċi — Aġenzija Ewropea għas-sigurtà marittima (EMSA) — Sejħa għal offerti relatata mal-applikazzjoni ‘SafeSeaNet’ — Deċiżjoni li tiċħad l-offerta ta’ offerent — Kriterji ta’ għoti ta’ kuntratt — Sottokriterji — Obbligu ta’ motivazzjoni”

1. *Kuntratti pubbliċi tal-Komunitajiet Ewropej — Proċedura ta’ sejħa għal offerti — Għoti ta’ kuntratti — Offerta li hija l-iktar vantaġġuża ekonomikament — Kriterji ta’ għoti — Osservanza tal-prinċipji ta’ ugwaljanza fit-trattament tal-offerenti u ta’ trasparenza — Iffissar ulterjuri mill-awtorità kontraenti tal-koeffiċċjenti tal-piż mogħti lis-sottokriterji tal-kriterji ta’ għoti stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt jew fl-avviż tal-kuntratt — Ammissibbiltà — Kundizzjonijiet (Regolament*